# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar L-Erbgħa**
**Tlieta (3) ta' Mejju 2023**

**Rikors Numru 705/2017 FDP**

Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali Nru 2469/2017
maħruġa taħt l-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12,
fl-ismijiet

**Catherine Farrugia (K.I. 683055M)**

**Vs**

**Giuseppe Ciccone (AR 9363486)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ta' Giuseppe Ciccone ippreżentat fl-4 ta' Awissu 2017, li permezz tiegħu talab is-segwenti:

    1) *Illi nhar l-24 ta' Lulju 2017 ir-rikorrenti ġie notifikat bl-ittra uffiċjali numru 2469/2017 datata nhar it-tnax (12) ta' Lulju 2017 mingħand Catherine Farrugia, bħala eredi tar-raġel tagħha John Farrugia mibgħuta ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ir-rikorrenti qiegħed ikun mitlub illi jħallas l-ammont ta' mitejn u erbgħa u disgħin elf, ħames mija u wieħed u erbgħin Ewro, u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€294,541.77) rappreżentanti bilanċ mill-ammont ta' ċerti promissory notes u illi fin-nuqqas dawn il-promissory notes ser jiġu reżi eżegwibbli.*

    2) *Illi ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti qiegħed jintavola dan ir-rikors sabiex jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' dawn il-promissory notes*

*ġaladarba hemm raġunijiet validi u gravi sabiex tiġi opposta l-eżekuzzjoni tagħhom.*

3) *Illi bħala punt ta' partenza dwar il-terminoloġija użata fl-ittra uffiċjali, għalkemm is-Sinjura Farrugia tagħmel referenza għal promissory notes, jidher biċ-ċar mid-dokumenti annessi mal-ittra uffiċjali tagħha li hawnhekk qegħdin nitkellmu dwar kambjali u mhux promissory notes.*

4) *Illi fl-ewwel lok, is-sinjura Catherine Farrugia għandha ġġib il-prova illi hija verament l-eredi tar-raġel tagħha John Farrugia illi kien iffirma l-imsemmijin kambjali u illi issa qiegħed jiġi mitlub il-ħlas tagħhom a favur tagħha peress illi l-imsemmi John Farrugia illum huwa mejjet.*

5) *Illi fit-tieni lok, dawn il-kambjali huma kollha datati bejn it-tnejn (2) ta' Diċembru elfejn u għaxra u il-ħmistax (15) ta' Settembru elfejn u ħdax (2011) u kellhom jitħallsu bil-"vista" u għaldaqstant peress illi għaddew iżjed minn ħames (5) snin mill-maturita' tal-imsemmijin kambjali, ir-rikorrenti jeċċepixxi illi dawn il-kambjali ma jistgħux jiġu reżi eżegwibbli stante il li huma preskritti perentorjannent ai termini tal-artikoli 541 u 542 tal-Kodiċi Kummerċjali, Kapitolu 13 tal-liġijiet ta' Malta.*

6) *Illi fit-tielet lok u bla preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti ipprova jikkomunika diversi drabi mingħajr suċċess mas-Sur John Farrugia stante illi l-ammont pretiż minnu ma kienx dovut u kien is-Sur John Farrugia illi naqas milli jipprovdi il-bilanċ korrett in konnessjoni ma' dawn l-imsemmijin kambjali u għaldaqstant jekk għas-saħħa tal-argument sal-ġurnata tal-lum għad hemm xi ammont illi huwa allegatament dovut, dan huwa preskritt kif spjegat iżjed 'il fuq.*

7) *Illi bla preġudizzju għal fuq premess, l-imsemmi John Farrugia matul ħajtu kien azzjonista u direttur tas-soċjeta' DBR Investments Ltd illi kienet toffri servizzi bankarji mingħajr ma kellha il-liċenzja sabiex tagħmel dan mill-Awtorita' ta' Servizzi Finanzjarji ta' Malta u filfatt dawn il-kambjali kienu saru in konessjoni ma' injezzjoni ta' kapital illi r-rikorrenti kellu bżonn għan-negozju tiegħu. Filfatt, jekk wieħed jevalwa sew it-transazzjonijiet bankarji illi saru, ġew imħallsa direttament fil-kontijiet bankarji tal-imsemmija soċjeta'.*

8) *Illi l-imsemmija soċjeta' eventwalment ġiet taħt skrutinju tal-Awtorita' ta' Servizzi Finanzjarji ta' Malta u ġie appuntat amministratur sabiex jieħu f'idejh it-tmexxija tagħha minħabba illi kien hemm transazzjonijiet illi setgħu jirriflettu self illi sar permezz ta' użura u għaldaqstant hemm element ta' ordni pubbliku illi ġaladarba dan in-negozju jista' jkun affetwat minn użura, l-Qrati tagħna dejjem kienu tal-opinjoni illi tali negozji ma jistgħux jiġu reżi eżegwibbli stante n-natura ta' illegalita' tagħha.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza is-sospensjoni tal-kambjali annessi mal-ittra uffiċjali numru 2469/2017 u datata nhar it-tnax (12) ta' Lulju elfejn u sbatax (2017) ai tal-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta'*

*Malta u dana peress illi jeżistu raġunijiet gravi u validi sabiex tiġi opposta l-eżekuzzjoni ta' dawn l-istess kambjali, u dan taħt dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni .*

2. Rat illi fl-4 ta' Diċembru 2017 Catherine Farrugia irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

*Illi permezz ta' Ittra Uffiċjali numru 2469/2017 ppreżentata fit-tnax (12) ta' Lulju elfejn u sbatax (2017), l-esponenti interpellat lill-intimat sabiex iħallasha s-somma ta' mitejn u erbgħa u disgħin Ewro, ħames mija u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€295,541.77) rappreżentanti bilanċ fuq import ta' numru ta' kambjali, li kopja tagħhom ġiet debitament annessa ma' l-istess ittra;*

*Illi l-intimat Giuseppe Ciccone permezz ta' rikors datat l-erbgħa (4) t' Awissu elfejn u sbatax (2017), talab is-sospenzjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap 12;*

*Illi fl-evvwel dehra, din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-esponenti Catherine Farrugia sabiex tippreżenta risposta għal dak l-istess rikors, u dan fi żmien għoxrin jum;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti xtaqet tirrileva l-punti segwenti sabiex tirribatti l-allegazzjonijiet infondati kontenuti fl-istess rikors.*

*Illi preliminarjament jingħad illi r-rikors odjern ma għandux iġib is-sospenzjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni għaliex skond l-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din tista' tintalab biss jekk minn din il-proċedura preliminari jirriżulta prima facie li (1) "l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha" jew (2) "fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni".*

*Illi fir-rigward ta' l-ewwel ċirkostanza l-qrati tagħna dejjem irritenew illi "f'azzjoni kambjarja huma permessi biss eċċezzjonijiet dwar il-validita formali tal-kambjala in kwantu tkun prima facie monka mill-elementi kostituttivi essenziali tagħha kif trid il-Liġi. "(George Zahra vs Alfred Borg, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' April 1995).*

*Illi l-kambjali mertu ta' dawn il-proċeduri ma jidru li huma neqsin mill-ebda mill-elementi kostituttivi dettati mil-Kodiċi tal-Kummerċ, il-kodiċi regolatur f'dan ir-rigward.*

*Illi jibqa' mbagħad biss it-tieni ċirkostanza x'wieħed janalizza, u ċioe l-eżistenza o menu ta' raġunijiet 'gravi u validi' li abbażi tagħhom tintalab is-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni. Fil-każ* ***Mohammed Dawdi vs. Cassar and Schembri (Marketing) Limited****, proċeduri bħal dawk odjerni li ġew deċiżi permezz ta' digriet tat-2 ta' Mejju 2016 min din l-Onorabbli Qorti diversament ppresjeduta ntqal li għalkemm l-Qorti ma tiddefinixxix x'inhi raġuni gravi u valida "Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-*

*firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċożament topponi tali eżekuzzjoni". (ara wkoll is-sentenza Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi — PA deċiża fil-5 ta' Frar 2008).*

*Illi f'dan is-sens r-rikorrenti jittenta jagħmel numru ta' allegazzjonijiet, liema allegazzjonijiet iżda huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u aktar min hekk, dan ta' l-aħħar għandu jagħti prova li dak li qegħdin jirreferu għalih l-artikoli minnu nvokati, u li ġew riprodotti aktar l-isfel, għandhom applikazzjoni fil-każ odjern, liema prova tispetta lilu biss.*

*1. Locus Standi ta' Catherine Farrugia*

*Illi kif ser jiġi ben pruvat waqt is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri, l-esponenti Catherine Farrugia hija l-eredi universali tal-mejjet żewġha John Farrugia, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 683755M, u dan ai termini ta' testment unica charta datat it-tmintax (18) ta' Lulju elfejn u ħmistax (2015).*

*2. Kambiali jithallsu bil-"vista"*

*Illi kif jidher ben tajjeb mir-rikors tar-rikkorenti, il-kambjali għandhom jitħallsu bil-"vista"; punt illi dwaru ma hemm l-ebda kontestazzjoni. Ir-rikorrenti iżda fir-rikors tiegħu jgħid ukoll:*

*dawn il-kambjali huma kollha datati bejn it-tnejn (2) ta' Diċembru elfejn u għaxra u il-ħmistax (15) ta' Settembru elfejn u ħdax (2011) u kellhom jitħallsu bil-"vista" u għaldaqstant peress illi għaddew iżjed minn ħames (5) snin mill-maturita' tal-imsemmijin kambjali, ir-rikorrenti jeċċepixxi illi dawn il-kambjali ma jistgħux jiġu reżi eżegwibbli stante il li huma preskritti perentorjannent ai termini tal-artikoli 541 u 542 tal-Kodiċi Kummerċjali, Kapitolu 13 tal-liġijiet ta' Malta.*

*Issa l-artikolu 172(a) tal-Kap 13. jistipula li "Il-kambjala tista' tiġi magħmula li titħallas a vista u aktar min hekk l-artikolu 173 jkompli jgħid li "Il-kambjala miġbuda "a vista" għandha titħallas malli tiġi ppreżentata ". B'hekk dan ifisser illi t-terminu perentorju li jissema' fl-artikolu 542 tal-Kap 13. (għaliex skond ġurisprudenza kostanti l-artikolu 541 jindika li t-terminu msemmi fl-artikolu 542 huwa perentorju) jaqgħa bi preskrizzjoni wara ħames snin minn dak in-nhar li jagħlaq, u għalhekk fil-każ ta' kambjala magħmula li titħallas a vista, min dakinhar li din tiġi ppreżentata għall-ħlas. Ċertament allura l-kambjali ma humiex preskritti.*

*3. Inċertezza ta' l-ammont*

*Illi fir-rikors tiegħu r-rikorrenti jisħaq li "r-rikorrenti pprova jikkomunika diversi drabi mingħajr suċċess mas-Sur John Farrugia stante illi l-ammont pretiż minnu ma kienx dovut u kien is-Sur John Farrugia illi naqas milli jipprovdi l-bilanċ korrett in konnessjoni ma' dawn l-imsemmijin kambjali". Jidher għalhekk li hawnhekk ir-rikorrenti qiegħed jikkontesta l-ammont pretiż permezz tal-kambjali ppreżentati mal-Ittra Uffiċjali.*

*Illi x'jirrapreżentaw l-ammonti msemmija fil-kambjala huwa assolutament irrelevanti għaliex hekk kif ġja ppronunċjat ruħha din l-Onorabbli Qorti diversi drabi, kemm il-darba l-aspetti formali tal-kambjala ma humiex kkontestati ma tista' ssir l-ebda indaġni fuq il-mertu tal-kambjala. Fil-kawża fl-ismijiet Emmanuel Mallia vs. Francis Chetcuti deċiża fil-21 ta' Ottubru 2016 mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (145/15 LM) intqal:*

*"Il-Qorti qieset illi s-sospensjoni, minħabba inċertezza dwar l-ammont mhix xi raġuni valida u lanqas gravi kif imfissra mil-liġi u hi fil-fehma tal-Qorti illi tali raġuni hi sempliċiment pretest sabiex is-soċjetà rikorrenti tiggwadanja aktar żmien sabiex tħallas lill-intimat. Ir-raġuni setgħet kienet waħda valida u gravi kieku l-intimat innega addirittura illi saru l-pagamenti da parti tas-soċjetà rikorrenti.*

*Jingħad illi x'jirrappreżenta l-ammonti msemmija fil-kambjali huwa assolutament irrilevanti għaliex hekk kif ġja ppronunċjat ruħha din l-Onorabbli Qorti diversi drabi, inkluż d-deċiżjoni reċenti tagħha Joseph Mamo vs. Joseph Zammit (Rikors Numru 981/2013) deċiża fil-15 ta' Lulju 2014:*

*'il-kambjala għandha ħajja indipendenti minn kwalsiasi debitu u minn kwalsiasi transazzjoni kummerċjali oħra u dan kif deċiż fil-kawża Charles Gatt vs. Joseph Vassallo Gatt — deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Novembru, 1993. fejn il-Qorti rriteniet illi "appena kambjala tiġi ammessa, tiġi kkreata obbligazzjoni ad hoc għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setgħet tippreċediha ".*

*Illi għalhekk il-Qorti tifhem li r-raġuni miġjuba mill-eżekutati mhijiex waħda li twassal biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjali "*

*F'dan is-sens ara wkoll huma s-sentenza Joseph Mamo vs Joseph Zammit (Rikors Numru 981/2013) deċiża fil-15 ta' Lulju 2014.*

*B'hekk l-inċertezza ta' l-ammont ma tikkwalifikax bħala raġuni gravi u valida li timmerita s-sospensjoni ta' l-żzekuzzjoni tal-kambjali.*

*4. DBR Investments Limited*

*Illi fir-rikors tiegħu r-rikorrenti jgħid li l-imsemmi John Farrugia matul ħajtu kien azzjonista u direttur tas-soċjeta' DBR Investments Ltd u jkompli billi jagħmel ċertu allegazzjonijiet fil-konfront ta' l-operat ta' din il-kumpanija u ċioe li l-istess soċjeta' kienet taġixxi bħala bank mingħajr id-debita liċenzja, u kompla jgħid ukoll li 'jekk wieħed jevalwa sew it-transazzjonijiet bankarji illi saru, ġew imħallsa direttament fil-kontijiet bankarji tal-imsemmija soċjeta' ."*

*Jibda biex jingħad mill-ewvvel li ħarsa lejn il-kambjali eżebiti ma' l-Ittra Uffiċjali u mmarkati bħala Dok A sa Dok H turi li mkien ma tissemma' s-soċjeta' DBR Investments Limited, iżda dawn il-kambjali nħarġu biss a favur ta' John Farrugia. Ir-rikorrenti jallega li jekk wieħed iħares lejn it-*

*transazzjonijiet bankarji wara l-kambjala, hemmhekk tiffigura s-soċjeta' DBR Investments Limited. Dan ir-raġunament kieku aċċettat mil-Qorti jwassal għal stultifikazzjoni ta' raison d'etre ta' kambjala fil-kamp kummerċjali, il-għaliex kif ribadit supra, kambjala toħloq obbligazzjoni ad hoc u l-kambjala għandha ħajja indipendenti mid-debitu nnifsu.*

*Illi apparti min hekk r-rikorrenti jallega wkoll li l-istess soċjeta' DBR Investments Ltd kienet parteċipi fi transazzjonijiet imċappsa bl-użura. Illi apparti l-fatt li din is-soċjeta' ma tiffigura mkien fuq il-kambjali in kwistjoni kif diġa' ingħad, ir-rikorrent irid iġib prova ta' dan, u se mai jekk b 'xi mod il-Qorti, jidrilha li għandha tidħol fil-mertu dwar jekk il-kambjali tkoprix element ta' użura, l-unika konsegwenza li dan jista' jwassal għaliha, hija n-nullita ta' "dak li hu żejjed', u dan kif jipprovdi l-artikolu 986(2) tal-Kap 16, kif ukoll kif jipprovdi l-artikolu 1852 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Konklużjoni*

*Illi fl-aħħar nett tajjeb li jingħad li fi proċeduri bħal dawn il-Qorti b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex din il-proċedura għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Fil-kawża fl-ismijiet Emmanuel Mallia vs. Francis Chetcuti deċiża fil-21 ta' Ottubru 2016 mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (145/15 LM) intqal:*

*"Għalhekk il-Qorti trid tara jekk prima facie jeżistux raġunijiet, dejjem skont is-subartikolu imsemmi mir-rikorrenti, biex tara tagħtix ċans lir-rikorrenti li jikkontestaw din il-kawża eventwali, għaliex ma hemmx dubju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma tassew limitati kwindi l-Qorti trid appuntu tara jekk il-konvenut hemmhekk ikollux opportunità jressaq b 'suċċess dawn l-eċċezzjonijiet."*

*Illi kif tajjeb irritenew il-qrati tagħna "ġialadarba l-aspetti formali tal-kambjala huma sodisfatti. ma tista' ssir l-ebda indaġini fuq il-mertu tal-kambjali" (Joseph Mamo vs. Joseph Zammit, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju 2014).*

*Għaldaqstant l-esponenti hu ta' fehma konvinta li dina l-Onorabbli Qorti għandha tirrespinġi bis-sħiħ bħala frivola u infondata, fl-ambitu tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), l-opposizzjoni tar-rikorrent għall-eżekuzzjoni tal-kambjali, u illi t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni għandha tiġi miċħuda.*

**Provi:**

3. Rat li l-Qorti, diversament preseduta, fit-28 ta' Diċembru 2017, laqgħet it-talba ta' Catherine Farrugia sabiex fl-ittra uffiċjali numru 2469/2017 isir it-tibdil fil-verżjoni tagħha bl-Ingliż fis-sens li l-kliem '*promissory notes*' għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem '*bills of exchange*.'

4. Rat in-nota ta’ Giuseppe Ciccone ippreżentata fis-17 ta’ Jannar 2018 li permezz tagħha ġew eżebiti dokumenti (fol. 30 *et sequitur*).

5. Rat ix-xhieda ta’ **Catherine Farrugia** tal-25 ta' April 2018 (fol 50).

6. Rat in-nota ta' Giuseppe Ciccone ippreżentata fil-5 ta' Ġunju 2018, li permezz tagħha ippreżentat kopja tal-kambjali mertu ta' dawn il-proċeduri, u sentenza fl-ismijiet ***Catherine Farrugia et vs Marcus Lauri et*** datata 31 ta’ Jannar 2018 (fol 53).

7. Rat ix-xhieda ta' **Jacqueline Busuttil** tal-5 ta' Ġunju 2018 (fol 85).

8. Rat l-affidavit ta' **Giuseppe Ciccone** ippreżentat fit-3 ta' Ottubru 2018 (fol 89).

9. Rat in-nota ta' l-avukat Dr Kris Scicluna ippreżentata fit-22 ta' Novembru 2018 li permezz tagħha eżebixxa dokumenti, uħud mill-‘*bank transfers*’ li John Farrugia wettaq favur Giuseppe Ciccone liema trasferimenti ippreċedew l-iffirmar tal-kambjali in kwistjoni (fol 97).

10. Rat ix-xhieda ta’ Jacqueline Busuttil in kontro-eżami tat-22 ta' Novembru 2018 (fol 106).

11. Rat l-affidavit tan-**Nutar Dorianne Arpa** flimkien ma' dokumenti annessi ippreżentati fl-24 ta' Ġunju 2020 (fol 122).

12. Semgħet ix-xiehda ta' Giuseppe Ciccone permezz ta' video conference fil-11 Mejju 2021 (fol 140).

13. Rat l-affidavit ta' Jacqueline Busuttil ippreżentat fit-22 ta' Frar 2022 (fol 162).

14. Semgħet ix-xhieda ta' Jacqueline Busuttil in kontro-eżami u in ri-eżami tas-27 ta' Mejju 2022 (fol 165).

15. Rat li fis-27 ta' Mejju 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali wara li l-Qorti qieset li f'dan l-istadju m'hemmx aktar provi x'jiġu ppreżentati.

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Giuseppe Ciccone ippreżentata fis-7 ta' Settembru 2022 (fol 174).

17. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Catherine Farrugia ippreżentata fl-1 ta' Frar 2023 (fol 187).

## Fatti tal-każ

18. Jirriżulta li fl-24 ta’ Lulju 2017, ir-rikorrent ġie notifikat bl-ittra uffiċjali numru 2469/2017 tat-12 ta’ Lulju 2017 mingħand Catherine Farrugia bħala eredi ta' żewġha John Farrugia, fejn ir-rikorrent ġie mitlub iħallas l-ammont ta’ € 294,541, bilanċ ta’ ‘promissory notes’.

19. Jirriżulta li minn Diċembru 2010 sa Settembru 2011, id-defunt John Farrugia, żewġ Catherine Farrugia, ħareġ tmien kambjali għall-ordni tiegħu u r-rikorrent Giuseppe Ciccone kien l-aċċettant ta' dawn il-kambjali, liema kambjali kienu jammontaw għal €430,000.

20. Jirriżulta illi din l-ittra ufficjali, ġiet mibgħuta minn Catherine Farrugia lil Giuseppe peress li huwa ma kienx ħallas it-titolu eżekuttiv naxxenti mill-kambjali, eżebiti Dok CM fol 53 tal-proċess, u dan għamlitu a tenur tal-artikolu 253 tal-Kap 12, wara li żewġha John Farrugia miet fis-6 ta' Ottubru 2015 u hija ġiet istitwita eredi universali tiegħu kif ikkonfermat min-nutar Dorianne Arpa.

**Konsiderazzjonijiet fil-mertu**

21. Permezz tal-każ odjern, Giuseppe Ciccone qed jitlob is-sospensjoni tal-eżegwibbilita` tal-kambjali. Ġie sottomess fil-premessi, li hemm raġunijiet validi għas-sospensjoni tal-eżegwibilita` tal-kambjali mertu ta’ dan il-każ. Huwa pproċeda bir-rikors odjern wara li ġie servut bl-ittra ġudizzjarja numru 2469/17 datata 12 ta’ Lulju 2017, li hija annessa fl-atti.

22. Dawn il-proċeduri ġew istitwiti abbażi tal-proviso tal-**Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta’ Malta** li jipprovdi li:

> *“Il-Qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista’, b’digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f’parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum minn notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note eżegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f’dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta’ dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b’kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ”.*

23. Illi huwa evidenti li l-proċedura speċjali maħsuba taħt l-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta tirrigwarda lill-kambjala u mhux l-att ġudizzjarju li jintbagħat biex jirrendiha eżegwibbli. Madankollu, minħabba li l-eżekuzzjoni tal-kambjala titlob il-ħruġ ta’ ittra ufficjali, b’xi mod dik l-eżegwibilita` hija marbuta ma’ dak l-att ġudizzjarju u s-siwi tiegħu.

24. Illi r-raġunijiet li ssemmi l-liġi biex tinżamm l-eżegwibbilita’ ta’ kambjala jew promissory note huma li:

    (1) Il-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma jkunux tal-persuna li tintalab tħallasha; u

    (2) Raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f’dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas tagħha.

25. Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-iskop tar-raġunijiet gravi u validi prospettati mis-sub inċiż (e) tal-Artikolu 253, ma jistax ikunu iktar estensivi mill-iskop tar-raġunijiet elenkati mill-Kodiċi tal-Kummerċ, li minħabba fihom kambjala tista’ tinżamm milli titħallas. Dana qiegħed jingħad għax kull ma trid il-liġi hu li l-Qorti tara jekk, *prima facie*, hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala, u dan

sabiex f'każ affermattiv, ir-rikorrent ikollu l-opportunita' jikkontesta l-kawża eventwali li, f'każ li tintlaqa' t-talba tiegħu għas-sospensjoni, tkun trid issir mill-kreditur. Billi f'kawża bħal dik, l-eċċezzjonijiet li jistgħu jiġu sollevati mill-konvenut huma tassew limitati, hija wkoll il-mansjoni tal-Qorti fi proċeduri bħal dawn, taħt l-Artikolu 253 (e) tal-Kap.12, illi tiddetermina jekk il-konvenut ikunx jista' jressaq b'suċċess dawn l-eċċezzjonijiet f'kawża eventwali."

26. Kull ma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew promissory note li tkun." (Ara il-każ **Gaffarena Holdings Limited vs. Seaborg Co. Limited** deċiża mill-Prim' Awla (JRM) fis-7 ta' Marzu 2008).

27. F'dan il-kuntest, issir referenza għal dak illi sostniet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet: **Anjake Limited vs Ronald Robert Belani** deċiża fis-17 ta' Jannar 2007, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-provvediment suċitat, senjatament:

> *"Il-liġi ma tispeċifikax r-raġunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonalment għax il-leġislatur iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le".*

28. Illi dwar "***ir-raġunijiet gravi u validi***", il-Qrati tagħna elaboraw il-prinċipji li ġejjin:

1. Il-liġi ma tgħidx x'inhuma tali raġunijiet gravi u validi. Il-leġislatur iħallihom għad-diskrezzjoni tal-Qrati biex jaraw huma, l-każ partikolari li jitressaq quddiemhom, x'tista' tkun ir-raġuni tajba u gravi li twassalhom jordnaw it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew promissory note.

   "*Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief il-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċożament topponi tali eżekuzzjoni*".

2. Din il-proċedura li ddaħħlet fis-sena 2004 fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili f'dan ir-rigward kienet maħsuba biex tagħti rimedju lil min ikun intalab li jħallas kambjala jew promissory note maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ u jkun hemm raġuni tajba biex iżomm l-eżekuttiva tagħha jew il-ħlas mitlub. Min-naħa l-oħra, wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekuttivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekuttivita` tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib fix-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekuttivita tagħhom, fejn dan jitħalla jsir;

   *"Il-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi ma jistgħux ikunu usa mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – Il-Kodiċi tal-Kummerċ - biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħal tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li tressaq speċifikament għal dan il-għan. Kull ma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew promissory note li tkun.*"

29. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fil-5 ta' Frar 2008 fl-ismijiet **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi** ingħad:

> *"Illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi sezzjoni jidher ċar li hemm żewġ bażi għaliex l-eżekuzzjoni tal-kambjala tista' tiġi sospiża u ċioe li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju tagħha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi għall-oppożizzjoni tal-eżekuzzjoni. F'dak il-każ il-persuna li tesiġi l-ħlas tkun trid tipproċedi b'kawża skond id-dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonalament għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le. Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċożament topponi tali eżekuzzjoni.*
>
> *Iżda min-naħa l-oħra l-leġislatur ma eliminax ir-riċerka li ssir f'kawża skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ iżda l-artikolu 253(e) u proviso tiegħu ġie reż bħala proċedura (prima facie) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bbażat naturalment fuq raġunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-liġi ma jinstab il-kliem prima facie iżda kien ikun bla sens li l-Qorti tidħol fid-dettalji kollha tal-proċeduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proċeduri ma ġewx eliminati mil-leġislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni ġusta tal-liġi tittieħed f'dan is-sens."*

30. Din il-verifika għandha ssir mingħajr ma jsir stħarriġ tal-mertu tal-kontenzjoni bejn il-partijiet, jew xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjonijiet reċiproċi bejn il-partijiet, u dan għaliex l-istħarriġ tal-mertu jmissu jsir fil-kawża li jkollha titressaq mill-kreditur f'każ illi l-Qorti tilqa' t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala.

31. L-indaġni tkun biss *prima facie*:

> *"Il-Qorti trid tagħmilha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidhol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi il-Qrati tagħna fir-rigward tal-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 tal-Kap. 12 li hija simili għal din il-proċedura (naturalment hemm differenzi importanti għaliex l-Artikolu 836 jirrigwardja l-ħruġ ta' kontromandat) din għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie."* (Ara **Emmanuel Mallia vs Francis Chetcuti** (145/15) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru 2016).

32. Għalhekk, il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijiet, dejjem skont is-sub-artikolu 253(e) tal-Kap 12, biex tara tagħtix ċans li tiġi kkontestata din il-kawża eventwali, għaliex ma hemmx dubju, li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma tassew limitati.

33. Fir-rikors promotur, jirriżulta, li qed jiġi sottomess illi hemm raġunijiet gravi u validi sabiex din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kamjbala. Ir-raġuni

mogħtija għal dan hija, li qed jiġi sostnut li l-ammont indikat fuq il-kambjali huwa inċert peress li John Farrugia ma tax u ma indikax l-ammont preċiż. Ir-rikorrent isostni li l-ammont li diġa ħallas huwa ta' €11,917.50. L-istess rikorrent, madankollu, ikompli jsostni li ċerti ammonti huma dovuti w ikkonferma fix-xhieda tiegħu, li kien għad fadallu x' iħallas. Ir-rikorrent qed jibbaża ir-raġuni gravi fuq l-inċertezza tal-ammont u d-diskrepanza li mhijiex iċċarata.

34. Min-naħa l-oħra, Catherine Farrugia, sostniet li Ciccone ammetta fl-affidavit tiegħu li għad fadal bilanċ x' iħallas favur John Farrugia. Tant hu hekk, li Ciccone kien qed jipprova jwettaq pagament f'Novembru 2014. Dan ġie ikkonfermat ukoll minn Jacqueline Busuttil. Fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent sostna li n-numru ta' kambjali mertu ta' din il-vertenza kienu jammontaw għal €380,000. Madankollu, fl-atti eżebiti, jirriżulta li hemm kambjali, biż-żmien '*on sight*' fl-ammont ta' €430,000. Fil-fatt, ta' min isemmi li fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami Ciccone, meta referut għall-ammonti li jidhru f'Dok CM8, CM9 u CM10 fol 42 sa 44, huwa wieġeb, li kien ha żewġ żbalji fil-kalkolu tiegħu, dak li ħaseb li l-kambjali kienu għal ammont iżgħar ta' € 380,000, u li nesa jgħodd it-transazzjonijiet li saru wara l-iffirmar tal-kambjali, liema transazzjonijiet mhumiex u ma jistgħux ikunu mertu ta' din il-vertenza.

35. Jiġi osservat illi fl-ittra uffiċjali, tat-12 ta' Lulju 2017, fol 20, qed jiġi reklamat l-ammont ta' € 294,541.77. Iżda, fis-seba' premessa, Ciccone jindika li l-kambjalijiet in kwistoni saru in konnessjoni ma' injezzjoni ta' kapital illi Ciccone kellu bżonn għan-negozju tiegħu.

36. Hawnhekk, tajjeb jiġi ippreċiżat, li din il-kawża hija <u>għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali</u>, u mhux għall-ammont dovut li kien misluf lil Ciccone. Qed jiġi sostnut li Ciccone ħallas il-pagamenti li jidhru f'Dok CM2 u Dok CM3 (fol 35-36), li b'kollox jammontaw għal madwar €140,000. Iżda, huwa mhuwiex juri l-ebda pagamenti oħra li saru da parti tiegħu, oltre` dawk indikati diġa' a fol 42-44.

37. F'dan il-kuntest, punt ieħor ta' min isemmi huwa dak indikat fl-affidavit ta' Jacqueline Busuttil fol 162, fejn ġie indikat preċiżament, li l-ammont indikat fuq il-kambjali ma kienx jinkludi l-interessi, u hija kienet ħadmet l-interessi fuq dawn l-ammonti bir-rata ta' 8% imgħax.

38. Ladarba ġie eżebit u ammess mill-istess Ciccone li kien hemm self ieħor oltre` l-kambjalijiet mid-defunt John Farrugia, ma jistax jingħad b'ċertezza li l-ammont li tħallas kien rappreżentanti l-ammont tal-kambjalijiet. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ma jiswiex li r-rikorrent isostni l-inċertezza tal-ammont, anke in vista tal-fatt, li l-kambjali huma eżebiti fl-atti u l-ammont tagħhom jidher hemmhekk preċiżament indikat.

39. Jiġi puntwalizzat, li anke kieku l-Qorti kellha taċċetta li l-ammont imħallas minn Ciccone kien l-import tal-kambjali mertu ta' dan il-każ, liema argument mhuwiex ser jiġi aċċettat minn din il-Qorti, dak mitlub huwa ammont ferm akbar minn dak li qed isostni li diġa' ħallas.

40. Għaldaqstant, tenut kont ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi, dak sollevat minn Ciccone dwar l-inċertezza tal-ammont ma jreġġix, u ma jistax jitqies raġuni valida għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala.

## Ikkunsidrat

41. Fir-rikors odjern, ġie sostnut ukoll, li l-kambjali mertu ta' dan il-każ, huma kollha datati bejn it-2 ta' Diċembru 2010 u l-15 ta' Settembru 2011, għalhekk qed jiġi sostnut minn Ciccone li għaddew aktar minn ħames snin mill-maturita` tal-kambjala.

42. Dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, Catherine Farrugia sostniet li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li tiġi ippreżentata għall-ħlas u dan skont l-artikolu 541 u 542 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

43. F'dan il-kuntest, ir-rikorrent Ciccone irrefera għall-każ **Joseph Piccinino vs David Piccinino vs VMC Limited** deċiża fl-1 ta' Lulju 2020, fejn ingħad:

> *"M'hemmx dubju li minkejja li l-liġi titkellem fuq preskrizzjoni l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet waħda li t-terminu jkun dak ta' dekadenza u allura id-dritt ta' azzjoni jintilef kemm-il darba din ma tiġix istitwita entro t-terminu prefiss mil-liġi. Dan jirriżulta minn dak dispost fl-artikolu 541 tal-istess Kodiċi li jipprovdi li: 'iż-żminijiet kollha stabbiliti b' dispożizzjoni ta' dan il-kodiċi għall-eżerċizzju ta' azzjonijiet jew regressi li ġejjin minn atti kummerċjali huma perentorji u l-benefiċċju tar-restitutio in integrum bis-saħħa ta' titolu motiv jew privileġġ ikun ma joqgħodx'."*

44. Dwar il-preskrizzjoni, ma ġie ppruvat bl-ebda mod meta ġew ippreżentati l-kambjali. Għalhekk l-unika evidenza hija ibbażata fuq id-dati imsemmija fuq il-kambjali stess. Il-kambjali in kwistjoni huma eżebiti a fol 54 *et sequitur*, u jġibu d-dati, 15 ta' Settembru 2011, 28 ta' Awissu 2011, 3 ta' Awissu 2011, 24 ta' Ġunju 2011, 22 ta' April 2011, 28 ta' Marzu 2011, 24 ta' Frar 2011, 2 ta' Diċembru 2010.

45. Jiġi puntwalizzat, li l-kambjali mertu ta' dawn il-proċeduri huma kambjali '*at sight*', ossija hemm biss id-data indikata meta nħarġu, u ma ġie ippruvat xejn dwar meta ġew ippreżentati l-kambjali u meta mmaturaw.

46. Skont il-każ **Anthony Sammut vs Joseph u Grace Peeters** (1135/2001/1 deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2002, ingħad:

> *"....azzjonijiet li jirrigwardaw 'operazzjoni dwar kambjali' li skont il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 5 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, huma atti ta' kummerċ, ma jistgħux ħlief jintlaqtu bit-terminu 'perentorju' ossija ta' 'dekadenza' u l-kelma 'preskrizzjoni' użata fl-artikolu 542 tal-Kap 13 hija biss intiża biex tindika t-terminu li fih għandha tinġieb l-azzjoni."*

47. **L-artikolu 541 tal-Kodiċi tal-Kummerċ** jipprovdi:

> *"Iż-żminijiet kollha stabbiliti bid-disposizzjoni ta' dan il-kodiċi għall-eżerċizzju ta' azzjonijiet jew regressi li ġejjin minn atti kummerċjali huma perentorji u l-benefiċċju tar-restitutio in integrum bis-saħħa ta' titolu, motiv jew privileġġ li jkun, ma jgħoddx."*

48. **L-artikolu 542 tal-Kodiċi tal-Kummerċ** jistipula:

> *"Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 238, 239, u 263, l-azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes, jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames, snin minn dakinhar li jagħlqu, u l-*

*azzjonijiet li ġejjin minn tratti jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin mid-data tagħhom."*

49. Għalhekk, ladarba fil-każ in eżami m'hemmx data fuq il-kambjala u m'hemmx indikazzjoni meta timmatura l-kambjala, peress li huma kambjali '*at sight*', din il-Qorti tqis, li bl-ebda mod il-kambjali in kwistjoni ma jistgħu jitqiesu preskritti.

## Ikkunsidrat

50. Fir-rikors in eżami, ġiet elenkata raġuni gravi oħra fejn indika li John Farrugia kien azzjonist u direttur ta' DBR Investments Limited, li kienet toffri servizzi bankarji, mingħajr il-liċenzja mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji f'Malta. Ir-rikorrent ikompli jsemmi, li s-soċjetà DBR Investments Limited ġiet taħt skrutinju u ġie wkoll appuntat amministratur. Ir-rikorrent, sostna li xi drabi ħallas lil John Farrugia, b'referenzi għall-kambjali in kwistjoni, u xi drabi ħallas lil DBR Investments Limited, għaliex hekk kien il-ftehim ma' John Farrugia. Jacqueline Busuttil xehdet dwar dan. Fl-affidavit ta' Jacqueline Busuttil, isir aċċenn għat-tlett pagamenti Dok CM2 tad-19 ta' Mejju 2011, li saru bi qbil bejn il-partijiet, liema ħlasijiet saru lis-soċjeta' DBR Investments Limited kif jidher f'Dok CM2 fol 35 tal-proċess. Ciccone sostna li ħallas ukoll l-ammont li jidher f'Dok CM3, fol 36, u ċjoe` l-ammont ta' € 110,000.

51. Il-kontri-parti laqgħet għal dan billi issottomettiet, li mit-trasferimenti u t-transazzjonijiet li saru favur DBR Investments Limited, ma saritx prova li dawn it-trasfrimeti kienu saru 'on account of' il-kambjali in kwistjoni, u dan huwa relevanti, meta ġie ppruvat li kien hemm ammonti oħra mislufa lil Ciccone li għalihom ma nħarġux kambjali. Fil-fatt, dan ħareġ mix-xhieda ta' Jacqueline Debattista tal-10 ta' Mejju 2019, fol 108, fejn qalet li meta kien isir self da parti ta' Ciccone, referebbilment għal ammonti ta' self antiki mhux koperti mill-kambjali, u dan b'referenza partikolari għall-ammont a fol 36 tal-proċess.

52. Kif diġa' ribadit, jirriżulta ammess mill-istess Ciccone, kemm fir-rikors promotur kif ukoll fix-xhieda tiegħu, li kellu ammont ta' dejn x'jitħallas lil John Farrugia, peress li John Farrugia kien sellfu flejjes għan-negozju tiegħu. Għalhekk, jidher, li kien hemm self oltre` l-kambjali mertu ta' din il-vertenza. L-istess Ciccone fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' Mejju 2021, (fol 144) jikkonferma li lanqas kien jaf ir-rata ta' interessi tas-self li sar lilu, u intebaħ wara l-mewt ta' John Farrugia, li kien qed jiġi kkalkulat ammont ta' interessi ogħla minn dak permess mil-liġi, b'hekk qed jiġi sostnut li din ir-rata ta' interessi ogħla hija raġuni gravi u valida għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali.

53. Din l-allegazzjoni dwar ir-rata ta' interessi ogħla minn dak permess mil-liġi, ma ġietx ippruvata lanqas *prima facie*. Kif diġa' ingħad, Jacqueline Debattista fl-affidavit tagħha, fol 162, indikat li hija ħadmet l-interessi fuq il-kambjali bl-interessi ta' tmienja fil-mija (8%). Il-prova miġjuba dwar ħlasijiet hija konsistenti f'dak diġa' indikat, Dok CM2 u CM3 fol 35-36, fejn jidher l-ammont totali mħallas. Jirriżulta evidentement, li dawn l-ammonti tħallsu lil DBR Investments Limited u mhux lil John Farrugia, għaliex ġie allegat li dan kien il-ftehim li kien hemm bejniethom. Madankollu, il-kambjali eżebiti fl-atti jidhru li jsejħu lil John Farrugia u mhux lis-soċjeta' DBR Investments Limited. Għalhekk, ċertament, bl-ebda mod ma jista' jiġi aċċettat lanqas fuq bażi *prima facie* li dawn l-ammonti tħallsu in rappreżentanza tal-kambjali. Inoltre`, tajjeb jiġi rilevat, kif diġa' ribadit aktar 'il fuq, li bl-ebda mod ma saret prova li dawn l-ammonti jirrapreżentaw l-import tal-imsemmija kambjali.

54. Fid-dawl ta’ dawn ir-riżultanzi, dak sostnut fir-rikors promotur ma jinsabx bl-ebda mod sodisfatt bil-provi. Fil-fatt, ma jirriżultax li Giuseppe Ciccone irnexxilu jipprova lanqas fuq bażi *prima facie* l-allegazzjonijiet tiegħu.

55. Jiġi puntwalizzat ukoll, li ladarba m’hemmx prova sufficjenti dwar il-pretensjonijiet ta’ Giuseppe Ciccone, m’hemmx lanqas aċċenn għal raġunijiet gravi u validi li din il-Qorti tista’ teżamina b’referenza għat-talba odjerna.

56. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tirrespinġi t-talba tar-rikorrent kif dedotta.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ippreżentati quddiemha;

Wara li rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet ta’ Catherine Farrugia.

**Tiċħad** it-talba ta’ Giuseppe Ciccone kif dedotta.

**L-ispejjeż** għandhom ikunu a kariku ta’ Giuseppe Ciccone.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur